## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. NATASHA AGIUS (KI. 536476M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

08.07.2025

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Natasha Agius, ta' 48 sena, bint Anthony Zammit u Mary Doris nee Riolo, residenti ġewwa Tondor Court, Flat 2, Triq Ġilormu Cassar, Mosta, mwielda Mtarfa nhar it-18 ta' Novembru 1976 u detentriċi tal-karta tal-identità numru 536476M (hawn imsejħa "l-imputata"), li ġiet akkużata talli fit-22 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta ta' 21.55 hours fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta:

1. **Soqt jew ipprovajt issuq jew kellek kontroll ta' vettura Nru. CBR-905 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Sec. 15A(1) Chap. 65)**
2. **W'aktar talli soqt, ipprovajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura Nru. BDR-905 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsmajt tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-uring kien izjed mill-limitu preskritt (Sec. 15B(1) Chap. 65)**
3. **Soqt vettura Nru. CBR-905 b'manjiera traskurata. (Sec. 15(1)(a)(3) Chap. 65)**
4. **Soqt vettura Nru. CBR-905 b'manjiera bla kont (Sec. 15(1)(a)(2) Chap. 65)**
5. **Waqt li kont qed issuq vettura Nru. CBR-905 inqast li tieqaf fejn kemm sinjal tat-traffiku li jindika 'STOP' (L.S. 65.05)**
6. **F'Lok pubbliku jew mifuth ghall pubbliku, kont fis-sakra b'mod li ma kontx tista tiehu hsieb tieghek innifsek jew f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kont tidher bic-car fis-sakra waqt li kellek l-hsieb ta' l-imsemmija vettura (Sec. 338(ff) Chap. 9)**

Rat li hija ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tordna li l-imputata tiġi skwalifikata mill-liċenzji kollha tas-sewqan għal perjodu ta' żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur;

Semgħet ix-xhieda miġjuba quddiemha ossia ta' **<u>CO 554</u>** u **<u>CO 734</u>** u qrajt it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom;

Rat l-atti proċesswali inkluż l-affidavits ta' **PC 1347 Luca Galea** u **PC 1002 Annabelle Cauchi**, it-traffic accident report, il-breathalyzer test u l-current incident report;

Semgħet it-trattazzjoni finali magħmula bil-fomm fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2025:

- Għan-nom tal-prosekuzzjoni mill-Ispettur Rachel Aquilina
- Għan-nom tal-imputata mill-Avukat Dr. Marion Camilleri.

Qed tagħti din is-

## Sentenza

### Provi

1. L-affidavit ta' **PC 1347 Luca Galea** m'huwiex jiġi meqjus ammissibbli bħala prova billi m'hemmx indikazzjoni tal-lok fejn il-Kummissarju b'setgħa li jagħti l-ġuramenti, allegatament tat il-ġurament lill-uffiċjal in kwistoni u dan bi ksur tal-Art. 7 tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Fl-affidavit tagħha **PC 1002 Annabelle Cauchi** stazzjonata l-Mosta stqarret, *inter alia*, li nhar it-22 ta' Ottubru 2023 waqt li kienet xogħol l-għassa tal-Mosta għall-ħabta ta' 22:00hrs irraporta ġewwa l-għassa Alali Saleh fejn stqarr li kien għadu kemm kellu inċident bil-vettura tiegħu fejn kien hemm persuna oħra li laqtitu u baqgħet sejra minn fuq il-post fejn ġiet imwaqqfa min-nies li kien hemm. Cauchi u PS 826 marru fuq il-post fejn sabu lill-imputata ġewwa l-vettura tagħha CBR-905 tal-għamla Ford fejn ġiet mitluba l-liċenzja tagħha u l-imputata għaddietha lil PS 826. Fuq il-post irrapporta wkoll PC 1347 fejn kien preżenti għal dak kollu li ġara, u ġew ukoll żewġ uffiċjali tal-LESA CO 734 Xuereb u CO 554 Borg li għamlu rapport min-naħa tagħhom rigward il-ħabta peress li ma kien weġġa ħadd. Il-pulizija bdew ixommu riħa ta' xorb fejn saret id-deċiżjoni li jiġi meħud test tal-kampjun tan-nifs lill-imputata. Qabel sar it-test l-imputata ġiet mogħtija d-dritt li tikkonsulta avukat tal-għażla tagħha kif ukoll ġie spjegat lilha li jekk tirrifjuta li tagħmel it-test tal-kampjun tan-nifs dan jikkostata reat minnu nnifsu. It-test tal-kampjun tan-nifs ġie meħud mill-istess uffiċjal għall-ħabta ta' 22:35 hrs fejn dan irriżulta pożittiv u b'hekk l-imputata kienet qiegħda ssuq vettura tal-għamla Ford taħt l-influwenza tal-alkoħol. Ir-riżultat tat-test kien ta' 218.4 ug/100ml. L-imputata ġiet meħuda l-għassa tal-Mosta fejn aktar tard ġie Josef Zammit li saq il-vettura nvoluta u wassal lill-imputata lura lejn darha.

3. Fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2024 xehdet **CO 734** fejn qalet, *inter alia*, li fit-22 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta ta' 22:20hrs daħlet telefonata li fi Triq Kostituzzjoni, Mosta kien hemm kolliżjoni. Marru fuq il-post hi u CO 554 fejn sabu l-pulizija mill-għassa tal-Mosta fuq il-post u l-vetturi ftit 'l bogħod minn fejn seħħ l-inċident. Il-pulizija nfurmawhom li s-sewwieqa tal-vettura CBR-905 tat-tip Ford Fiesta kienet taħt l-effett tal-alkoħol. Meta resqu lejha l-imputata kellha riħa ta' alkoħol. Peress li l-apparat tal-

breathalyzer tagħhom ma kienx kkalibrat it-test sar mill-pulizija. Mistoqsijja mill-Qorti fejn rat lill-imputata wieġbet li kif waslu fuq il-post l-imputata kienet ġol-karozza tagħha, kien hemm pulizija mara magħha u xi ħin ħarġet biex tagħti l-istqarrija tagħha. Mistoqsijja mill-Qorti f'liema seat kienet fil-karozza rrispondiet li x'ħin waslu huma kienet f'dak tas-sewwieq. Ippreċiżat li hi sabithom 'l bogħod minn fejn saret il-kolliżjoni għax dik saret mat-triq tal-għassa u huma sabuhom fejn il-Premier Pastizzerija fil-ġenb tal-knisja tal-Mosta. Eżebiet rapport bħala Dok. X. Mistoqsija jekk kinitx preżenti meta ġie amministrat it-test tal-breathalyser rrispondiet li t-test sar fl-Għassa tal-Pulizija fil-presenza tagħha u ta' CO 554 għalkemm huma ma taw l-ebda assistenza f'dan ir-rigward.

4. Fl-istess seduta tal-21 ta' Mejju 2024 xehed **CO 554** fejn qal, *inter alia*, li fit-22 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta ta' 22:19hrs daħlet telefonata fil-control room fejn kien hemm kolliżjoni fi Triq Kostituzzjoni Mosta. Meta waslu fuq il-post xi 23:15 sabu l-pulizija diġà fuq il-post fejn PS 826 qalilhom li l-imputata kellha riħa ta' alkoħol. Il-pulizija qalulhom li kellhom bżonn ta' breathalyzer u rrispondewhom li l-breathalyzer tagħhom kien għall-kalibrazzjoni. Għalhekk il-pulizija marru jġibu tagħhom. Huma għamlu l-kolliżjoni u l-pulizija għamlu l-breathalyzer min-naħa tagħhom. Mistoqsi jekk kienux preżenti meta sar il-breathalyzer irrisponda fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti fejn sar il-breathalyzer irrisponda li dan sar fit-triq ossia fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta. Mistoqsi mill-Qorti jekk l-imputata rahiex fil-karozza rrisponda li barra l-karozza raha però ma jiftakarx jekk kienx raha qabel fil-karozza.

5. Ix-xhud **Alali Saleh** għalkemm debitament notifikat ma deherx u għalhekk il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq kwalsiasi dikjarazzjoni li dan ix-xhud setgħa ta lill-Pulizija jew lill-uffiċjali tal-Kommunita' *a tempo vergine* darba din ma ġiex ikkonfermata bil-ġurament quddiem il-Qorti.

6. L-imputata għażlet li ma tixhidx, kif kellha d-dritt li tagħmel.

*Kunsiderazzjonijiet:*

7. Qabel xejn il-Qorti tinnota numru ta' inkonsistenzi fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. Skont PC 1002 t-test tal-breathalyser ittieħed fi 22:35 hrs. Dan jirriżulta anke mill-ħin stampat fuq it-test tal-breathalyser li ġie esebit mill-Prosekuzzjoni. Mill-affidavit tal-istess PC 1002 jirriżulta ukoll li t-test ittieħed fuq il-lok tal-kolliżjoni u wara li ħareġ ir-riżultat l-imputata ttieħdet l-għassa tal-Mosta. Skont CO 554, hu u CO 734 waslu fil-lok fejn seħħet il-kolliżjoni għal xi 23:15 hrs u l-istess irriżulta mit-*traffic accident report* esebit minnhom. Inoltre CO 554 u CO 734 ma qablux bejniethom dwar il-lok fejn ġie amministrat it-test tal-breathalyser stante li Tali uffiċjali ma qablux bejniethom dwar fejn ittieħed it-test tal-breathalyser stante

li CO 554 qal li dan seħħ fi Triq Kostituzzjoni, Mosta, filwaqt li CO 734 qalet li dan ittieħed l-għassa tal-Mosta fil-presenza tagħhom.

8. Kif inhuwa magħruf, mhux kull diskrepanza jew inkonsistenza fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni għandha titqies fatali għall-każ tagħha, sintendi sakemm tali ma tkunx tant illi tnissel fil-Qorti dubbju dettat mir-raġuni dwar is-sustanza ta' dik ix-xhieda.

9. Il-Qorti però tinsab xi ftit perplessa kif skont CO 554 u CO 734 u skont ir-rapport tagħhom, huma kienu preżenti meta ttieħed it-test tal-kampjun tan-nifs (wieħed jgħid li ttieħed fit-triq u l-oħra li ttieħed fl-Għassa tal-Pulizija tal-Mosta) meta imbagħad jirriżulta mic-*chit* tal-breathalyser li tali test ittieħed fi 22:35hrs, u ċioe suppost **<u>qabel</u>** tali uffiċjali waslu fil-lok tal-kolliżjoni fi 23:15 hrs. Il-Qorti tista' tassumi illi ġaladarba l-uffiċjali tal-komunita' m'għandhom ebda inċentiv li jixhdu l-falz, huwa iżjed probabbli illi kien hemm żball fir-rapport tagħhom li huma waslu fuq il-post fi 23:15 hrs (fis-sens li fil-verita' kienu waslu qabel), liema żball imbagħad ġie riprodott minn CO 554 fix-xhieda tiegħu billi dan għamel riferenza għalih fix-xhieda tiegħu mogħtija *viva-voce.* Għalkemm l-assunzjonijiet mhuwiex posthom fil-kamp penali, madanakollu l-Qorti ma kienet tkun aversa li tagħmel tali assunzjoni li kieku tali inkonsistenza kienet iżolata (i.e. mhux akkumpanjata minn inkonsistenti oħra) u ma tolqotx il-pern tal-każ tal-Prosekuzzjoni.

10. Filfatt, magħdud ma' dan kollu, il-Qorti tinnota ukoll illi għalkemm PC 1002 stqarret li l-imputata kienet mogħtija d-dritt li tikkonsulta avukat tal-għażla tagħha – u ma semmiet xejn dwar jekk l-imputata rrifjutatx jew aċċetatx li tagħmel hekk – fl-atti proċesswali ġiet ippreżentata dikjarazzjoni ta' rifjut iffirmata mill-imputata allegatament fil-23:43hrs u ċioe **<u>iktar minn siegħa wara li suppost sar it-test</u>**. Terġa u tgħid imbagħad id-dikjarazzjoni suppost ġiet iffirmata fl-"Għassa Mosta" skont l-intestatura tagħha, meta skont PC 1002 u CO 554 it-*test* sar fit-triq (Triq il-Kostituzzjoni, Mosta), xi ħaġa li ġiet ikkuntrastata min CO 734 li qalet li t-*test* sar l-Għassa.

11. Inoltre skont l-Art. 355AUA(6) tal-Kap. 9:

> **"(6) Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga jew kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih. M'għandux ikun ammissibbli li l-prosekuzzjoni tikkummenta waqt il-proċeduri quddiem il-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali fuq il-fatt li l-persuna suspettata jew akkużata magħażlitx li tagħmel użu mill-assistenza legali waqt li kienet qed tinżamm taħt arrest."**

12. F'dan il-każ ma' jidhirx illi ġiet addottata din il-proċedura *ad litteram* peress illi apparti l-firma tal-imputata, preżenti bħala xhieda iffirmaw biss PC 1002 u PC 563 F. Azzopardi meta suppost kellu jiffirma ukoll l-Uffiċjal Investigattiv. Għalhekk ma jistax jingħad li d-dikjarazzjoni hija valida skont il-liġi apparti li ma kienetx waħda inekwivoka u lanqas "*attended by the minimum safeguards commensurate to its importance*" (Paskal vs Ukraine – ECtHR 15 September 2011). Għalhekk il-proċedura kollha tat-tehid tat-test tal-breathalyser li sar mill-Pulizija ma jistax jitqies bħala prova ammissibbli f'din il-kawża u l-ħtija taħt it-tieni imputazzjoni ma tistax tirriżulta.

13. Rigward l-ewwel imputazzjoni, l-Art. 15A tal-Kap. 65 jipprovdi s-segwenti:

> **"15A.(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jewikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.**
>
> **(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa."**

14. Il-pożizzjoni ta' din il-Qorti fil-passat kienet dik illi jekk il-Prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova r-reat ravviżat taħt l-Art. 15B, allura jirriżulta ukoll dak ravviżat taħt l-Art. 15A. Hekk per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs Christian Aquilina</u>**" mogħtija fit-12 ta' Novembru 2019 din il-Qorti qalet kif ġej:

> "Il-limiti preskritti mill-ligi ma' waqghux mis-sema u gew imdahhla mill-legislatur proprju ghaliex kienet l-intenzjoni tieghu illi jgib dawn il-limiti izjed in konformita' ma' dawk ta' diversi Stati Membri ohra tal-UE. Kif intqal matul id-dibattiti parlamentari fid-diskussjoni dwar l-implimentazzjoni taghhom, dawn il-limiti gew stabbiliti abbazi ta' studji xjentifici li wrew li l-indeboliment ("impairment") fis-sewqan jaqbez il-limitu accettabbli fir-rigward tas-sahha u sigurta malli l-livell tal-alkohol jeccedi tali limiti. Dawn il-limiti preskritti mill-ligi ma' jaghmlux distinzjoni bejn is-sewwieqa fuq il-bazi tas-sess, bijologija u fizjologija taghhom u filfatt studji xjentifici kbar (fosthom Moskowitz u Robinson li fl-1988 hargu studju li gabar fih sommarju ta' mija seba' u sebghin studji ohra fuq din il-materja li saru madwar id-dinja) wrew illi rrispettivament mill-fizjologija u sess tal-bniedem, f'diversi kazijiet l-indeboliment jista' jibda sahansitra **<u>f'livelli ferm inqas</u>** mill-limiti preskritti. Dan ifisser illi sewwieq jista' ma' jkunx f'kundizzjoni tajba li jsuq minhabba xorb anke jekk l-livell ta' alkohol fil-gisem tieghu ma' jaqbizx il-limiti preskritti. Li huwa zgur pero hu illi malli jinqabez tali limitu m'ghandux ikun hemm argumenti dwar il-fatt illi x-xufier **<u>ma' jkunx f'kundizzjoni tajba biex isuq</u>**."

15. Madanakollu l-Qorti hija konxja illi fil-ġurisprudenza din il-pożizzjoni mhux dejjem sabet sostenn. Pereżempju l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**<u>Il-</u>**

**Pulizija vs Paul Cefai**" mogħtija fit-30 ta' April 2019 (App. Nru. 475/2016 CSH) iddikjarat illi sabiex tinstab ħtija taħt l-Artikolu 15A tal-Kap. 65 il-Prosekuzzjoni jeħtiġilha tipprova illi l-kapaċità tas-sewwieq għas-sewqan tkun effettivament imnaqqsa u li din il-prova għandha tkun waħda oġġettiva u mhux sempliċiment soġġettiva (bħal ngħidu aħna x-xamma ta' riħa tal-alkohol minn xi ufficjal tal-Pulizija). Skond dik il-Qorti għalhekk il-Prosekuzzjoni trid tressaq prova ta' sewqan li jirrifletti l-kundizzjoni ħażina tas-sewwieq, bħal per eżempju sewqan erratiku jew sewqan li b'mod ieħor jiddipartixxi minn dak li jesiġu r-regolamenti tat-traffiku:

> "Illi allura jehtieg lill-prosekuzzjoni, sabiex tinstab htija skond dan l-artikolu, tipprova illi l-kapacita` tas-sewwieq kienet effettivament imnaqqsa. Fil-fatt anki f'kaz li bniedem ikun jirrizulta effettivament illi ecceda il-limitu preskritt, dana ma jfissirx li huwa hati ta' imputazzjoni migjuba taht dan l-artikolu sakemm ma jirrizultax ukoll illi minhabba tali stat, huwa mhuwiex f'kundizzjoni illi jsuq ghaliex ghandu l-kapacita mnaqqsa...
>
> ... Biex tinstab htija taht l-artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-reat taht l-artikolu 15B, liema reat huwa determinat merament minn kemm ikun l-proporzjon tal-alkohol fin-nifs, demm jew urina), ma jinhtiegx biss li jigi ppruvat li sewwieq saq vettura taht l-influwenza tax-xorb, izda, jrid ikun hemm il-prova li s-sewwieq propju minhabba l-alkohol (u dan indipendentament minn kemm ikun il-livell tal-alkohol fis-sistema) ma kienx f'kundizzjoni li jsuq.
>
> Dwar il-kwistjoni tax-xorb, gie ripetutament ritenut mill-Qrati taghna li ghal fini tal-artikolu 15A tal-Kap 65, il-fatt li xufier ikollu riha ta' xorb ma hijiex prova bizzejjed li x-xufier ma kienx f'kundizzjoni li jsuq...
>
> Illi jirrizulta mill-atti li l-appellant ta' tlett testijeit tan-nifs li lkoll kienu incomplete u ghalhekk semmai dan il-fatt wahdu setgha jammnta ghall-akkuza taht l-artikolu 15(4) tal-Kap 65. Bl-ebda mod ma jammonta ghal xi prova korroborattiva li kien fi stat ta' tossifikazzjoni u li ghalhekk ma kienx f'kundizzjoni tajba li jsuq. Il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkorrobora l-istat tas-sewqan tieghu u dan ghaliex hadd ma rah isuq u dwar il-komportament tieghu l-ufficcjal tal-pulizja fl-ebda hin ma stqar li l-appellant ma kienx qed jikkollabora mieghu jew li ma kienx qed jifhmu jew li kien qed iserrep fil-passi tieghu, jew li kellu wiccu ruxxan jew li l-pupilli ta' ghajnejgh kienu fissi. Xejn minn dan l-unika prova remota li donnu il-prosekuzzjoni ibbazat il-kaz taghha biex torbot l-akkuza in desamina kien dak li allegatament stqarr Lawrence Debono lil PS 274 li kellu jittihed test tan-nifs ghaliex lappellant kellu riha ta' xorb f'halqu."

16. Issa fil-fehma umli ta' din il-Qorti, test tal-*breathalyser* li juri li l-proporzjon tal-alkohol fin-nifs jkun iżjed mil-limitu preskritt (partikolarment fejn l-ammont ikun jeċċedi l-limitu preskritt b'mod sinjifikanti) huwa test oġġettiv u konklussiv biżżejjed illi, flimkien ma provi oħra li jistgħu jkunu ukoll soġġettivi, bħal ngħidu aħna x-xamma ta' riħa tal-alkohol u l-komportament tas-sewwieq meta jitwaqqaf mill-uffiċjali tal-

awtorita', għandhom ikunu biżżejjed sabiex jippruvaw il-każ tal-Prosekuzzjoni dwar li sewwieq ma jkunx f'kundizzjoni li jsuq minħabba x-xorb. Jidher però illi fuq dan il-punt il-ġurisprudenza ttendi illi titlob prova li s-sewqan effettivament ikun wieħed ħażin, bħal per eżempju sewqan erratiku jew ksur tar-regolamenti tat-traffiku. Kien għalhekk li din il-Qorti f'sentenzi oħra riċenti kienet addottat l-istess linja tal-ħsieb f'dan ir-rigward u dan sabiex kemm jista' jkun tiġi żgurata l-uniformita' fl-interpretazzjoni tal-liġijiet mill-Qrati tagħna.

17. Issa fil-każ in eżami, apparti li c-*chit* tal-breathalyser ma tistax tittieħed in kunsiderazzjoni ħabba r-raġunijiet diġà msemmija, ma xehedx Alali Saleh li għamel ir-rapport fir-rigward tal-kolliżjoni li allegatament seħħ tort tal-imputata. Inoltre għalkemm jirriżulta mill-provi in atti, li l-imputata tat stqarrija ukoll *a tempo vergine* (ċioe li hi u ħierġa minn triq l-għassa ħabtet mal-wara ta' vettura oħra u baqgħet sejra għax ma ndunatx b'tali ħabta) tali stqarrija ma tistax tittieħed in kunsiderazzjoni billi ċertament f'dak l-istadju ma kienetx għadha ġiet infurmata bid-drittijiet tagħha inkluż id-dritt li ma tgħid xejn li jista' jinkriminaha. Għalhekk l-ewwel imputazzjoni ukoll ma tirriżultax ippruvata kif l-inqas ma jistgħu jirriżultaw it-tielet, ir-raba u l-ħames imputazzjonijiet billi dawn jirrikjedu prova dwar is-sewqan tal-imputata.

18. Dwar is-sitt imputazzjoni, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-imputata meta din ġiet mitkellma wara l-kolliżjoni, PC 1002 stqarret li "Il-pulizija bdew jxommu rieħa ta' xorb" filwaqt li CO 734 u CO 554 xehdu li xammew riħa ta' alkoħol meta avviċinaw l-imputata. Madanakollu m'hemmx provi biżżejjed li juru li din kienet f'sakra tant illi ma setgħetx tieħu ħsieb tagħha nfusha partikularment fid-dawl tad-difetti ravviżati iktar 'l fuq fil-provi mressqa.

### Decide

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tillibera lill-imputata minn kull akkuża fuq nuqqas ta' provi.**

**V.G. Axiak** — **Y. M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**